# 25 ta' Mejju, 2005
# STQARRIJA LILL-MEDIA KOLLHA

## Il-Persuni b'Dizabilita u l-Gbir

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita tixtieq turi, hi ukoll, it-thassib taghha ghall-ahbar li harget dan l-ahhar, li Dar tal-Providenza ghandha diffikultajiet finanzjarji sostanzjali. Biss barra thassib, il-Kummissjoni tixtieq ukoll li taghti l-kontribut taghha biex jinstabu soluzzjoniet possibilment fit-tul ghal din il-problema.

Bhala soluzzjoni immedjata, il-Kummissjoni hi konvinta mill-generozita tal-poplu Malti li se jwiegeb ghas-sejha li saret biex din il-problema, tal-inqas b'mod immedjat, tissolva minnufih. Il-poplu Malti hu generuz u zgur li se jikkontribwixxi, finanzjarjament, kulhadd skond kemm jiflah.

Pero hemm bzonn ta' soluzzjoiniet aktar fit-tul. Il-krizi finanzjara tal-lum ta' Dar tal-Providenza, fl-opinjoni tal-Kummissjoni hi biss sintomu ta', mill-anqas, zewg problemi ferm akbar. Dawn huma l-problema ta' dhul baxx li persuni b'dizabilita ghandhom u l-mod kif qed jigi organizzat il-gbir ta' fondi minn entitajiet differenti minn diversi setturi tal-hajja Maltija.

Persuni b'dizabilita li minhabba d-dizabilita taghhom ma jistghux jahdmu huma intitolati ghall-pensjoni mhux kontributorja tad-dizabilita'. Din il-pensjoni hi madwar 60 fil-mija tal-paga minima nazzjonali. Ma hemm l-ebda dubju li dan hu dhul baxx hafna u ma jassigurax kwalita ta' hajja accettabbli ghall-persuni koncernati.

Din il-pensjoni hi mibnija fuq il-premessa li l-familja trid tkompli taghti kontribut finanzjarju biex il-persuna b'dizabilita tghix b'mod decenti. Jekk verament iridu l-inkluzzjoni socjali tal-persuni b'dizabilita u li dawn jigu assigurati kwaltia ta' hajja xierqa hemm bzonn rejali li **il-pensjoni tal-persuni b'dizabilita immedjatament toghla biex tkun zewg terzi tal-paga minima nazzjonali u gradwalment din toghla biex tkun daqs il-paga minima nazzjonali.**

Jekk dan isir awtomatikament, Dar tal-Providenza u entitajiet ohra, kemm governativi u anke dawk mhux governativi, jkollhom dhul annwali ghola u garantit. Il-Kummissjoni temmen li l-bzonnijiet basici ta' kull persuna bhal ma hi dar u ikel ghandhom jigu assigurati mill-istat u mhux jibqghu dependenti fuq il-karita.

It-tieni problema hi l-gbir. In-numru ta' entitjaiet li qed jorganizzaw attivitajiet ta' gbir ta' fondi dejjem qed jizdied bil-biza' li dan ma jibqax sostennibbli. Barra minn hekk entitajiet zghar qed isibu problemi biex jikkompetu ma' entiaajiet kbar. Entajiet "governattivi" ukoll qed jidhlu f'dan is-settur u jikkompetu, fl-opinjoni taghna b'mod mhux gust, ghal dawn il-fondi. Barra minn hekk certi inizjattivi li jidhru sbieh, xi kultant jirzultaw, jew ta' importanza minima, jew aghar, li eventwalment ifallu.

Soluzzjonijiet facli u prattici ghal dawn il-problemi, sfortunatament ftit jew xejn hemm. Pero, il-Kummissjoni tixtieq taghmel dawn iz-zewg rakkomandazzjonijiet:

**(a) entitajiet "governattivi" ma ghandhomx jaghmlu attivitajiet ta' gbir ta' fondi;**

**(b) il-poplu Malti ghandu jkompli jkun generuz kif dejjem kien, pero' fl-istess waqt ghandu jkun selletiv u ghaqli fejn jaghti din l-ghajnuna.**

Fil-waqt li l-Kummissjoni theggeg lil kulhadd biex ikun generuz ma' Dar tal-Providenza , titlob lis-Socjeta Maltija biex tirrifletti aktar fuq dawn l-issues halli jinstabu soluzzjonijiet gusti li jassiguraw kwalita ta' hajja xierqa lil kulhadd inkluz il-persuni b'dizabilita.